**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Francesco Mizzi)**

**vs.**

**Claire Savona**

detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 519583M

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Claire Savona**, bint Desmond u Pauline neé Calleja, mwielda l-Pietà nhar il-5 ta' Ottubru 1983, residenti ġewwa 454, Triq il-Bufula, il-Mellieħa u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 519583M

akkużata talli nhar is-27 ta' Lulju 2023 u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa 454, Triq il-Bufula, Mellieħa:

1. Bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek ġiegħelt bl-awtorità tiegħek innifsek lil Stuart Anthony Brett fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħattejt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndħalt fi ħwejġu.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 u tassigura li l-persuna /i li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel batiet l-ispoll u dan ai termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 u tordna t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih jkun sar reat, jew li tordna lill-akkużati sabiex jikkonfermaw rwieħhom mal-liġi fi żmien mogħti lihom taħt dik il-penali li jogħġobha l-Qorti fin-nuqqas.

Rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-**dokumenti** kollha esebiti u cioe ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1], l-affidavit ta' PC1364 C. Vella[2], kwerela mibgħuta minn Stuart Anthony Brett[3];

Semgħet ix-xiehda tal-kwerelant **Stuart Anthony Brett**, tal-imputata **Claire Savona** u ta' **Josephine Calleja**[4] kif ukoll id-dokumenti esebiti mix-xiehda;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-kwerelant jallega illi l-imputata ħaditlu l-kompjuter u l-lesson plans relatati max-xogħol tiegħu, kitarra, spare key tal-karozza, żewgt'iġkieket, kif ukoll il-passaport Ingliż ta' bintu. Inoltre hija biddlet il-password tal-kont tal-posta elettronika, u biddlet ukoll ir-recovery imejl tal-istess.

L-intimata tallega illi dak kollu elenkat mill-kwerelant huwa tagħha wkoll jew tagħha biss u kwindi kellha dritt għalihom.

Fil-fehma tal-Qorti, il-provi f'din il-kawża huma wisq kunfliġġenti biex il-Qorti tista' tiddetermina l-ħtija tal-imputata. Per eżempju, l-imputata tressaq provi li n-negozju tal-baby sensory classes, kien tagħha weħidha, li bnietu hi mill-qiegħ, kellha l-kuntratt fuqha weħidha u qatt ma tat dan in-negozju lill-kwerelant. Hija targumenta li għab-bażi ta' dan kellha kull dritt li tibdel il-password u li tieħu l-lesson plans għaliex dawn

[1] Bir-referenza 11/POL/4017/2023, a fol. 3 tal-proċess;
[2] Dokument WG1, fol. 3 tal-proċess;
[3] Dokument WG3, fol. 19 tal-proċess;
[4] Ilkoll mogħtija nhar l-24 ta' Settembru 2024;

kienu tagħha u mhux tiegħu; Inġiebet ukoll prova illi l-ispare key tal-vettura tal-kwerelant, kif ukoll il-kitarra in kwistjoni, kienu fil-pussess tax-xhud Josephine Calleja u mhux tal-akkużata; Inoltre mhuwiex ikkontestat illi l-kwerelant ma rahiex tieħu dawn l-oġġetti iżda fil-fehma tiegħu, kienet hi biss li setgħet ħadithom. L-akkużata mill-banda l-oħra tispjega illi fid-dar minn fejn allegatament hija ħadet l-imsemmija oġġetti, kienu jidħlu persuni oħra, mhux hi u l-kwerelant biss;

Illi huwa risaput illi meta jkun hemm konflitt tal-provi, id-dubju għandu jmur favur l-imputat. Kif ġie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Thorne[5], "*mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha."* Fil-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma li l-kunflitt ta' provi huwa tali li jneħħi ċ-ċertezza morali meħtieġa minn din il-Qorti sabiex issib il-ħtija.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq kunflitt ta' provi, qiegħda ssib lill-imputata **mhux ħatja** tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement tilliberaha minn kull piena.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, mill-Onor. Imħallef Joseph Galea Debono;